BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA



# Muniti tad-Deheb

## 2000- 2009

MALTA COIN CENTRE

**Malta Coin Centre**
Bank Ċentrali ta' Malta
Pjazza Kastilja
Valletta VLT1060
Malta
**(+356) 2550 6006/7/8**
**https://www.maltacoincentre.com/**
**customercare@maltacoincentre.com**

# Royal Mint Precious Fine Gold Collection - Xprunara




2002

| | |
|---|---|
| Tip | Deheb proof - like |
| Denominazzjoni | Lm13 |
| Dijametru | 13.92mm |
| Piż Gross | 1.24g |
| Finezza | 0.999 |
| Disinjatur | quddiem: Noel Galea Bason<br>wara: Joseph Muscat |
| Zekka | Royal Mint, UK |
| Stampar | 25,000 |

Fl-2002, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita kommemorattiva tad-deheb bit-tema marittima 'Xprunara', li tagħmel parti mir-Royal Mint Precious Fine Gold Collection.

Fuq in-naħa ta' quddiem tal-munita hemm l-istemma araldika ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 2002, filwaqt li fuq in-naħa ta' wara jidher xini tat-tmintax-il seklu tat-tip 'Xprunara' li kien iddisinjat minn Joseph Muscat MQR.

# Dħul fl-Unjoni Ewropea




2004

| | |
|---|---|
| Tip | Deheb Proof |
| Denominazzjoni | Lm25 |
| Dijametru | 19.3mm |
| Piż Gross | 3.994g |
| Finezza | 0.916 |
| Disinjatur | quddiem: Noel Galea Bason<br>wara: Marc Spiteri |
| Zekka | Royal Mint, UK |
| Stampar | 6,000 |

Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita tad-deheb f'verżjoni proof fl-okkażjoni tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

Il-munita ġiet iddisinjata minn Marc Spiteri, ir-rebbieħ ta' kompetizzjoni nazzjonali organizzata mill-Bank għal dan il-għan. Il-mudell tal-arma ta' Malta, li jidher fuq in-naħa ta' quddiem tal-munita, sar mill-artist Malti Noel Galea Bason.

Id-disinn magħżul jirrappreżenta d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea permezz tal-fużjoni tal-bnadar rispettivi mgħaqqda flimkien fiċ-ċirku tat-tnax-il stilla li jissimbolizzaw l-Unjoni Ewropea.

## Europa Programme 2007 bit-tema 'European Realisation' - Gran Mastru Jean de La Valette




2007

| | |
|---|---|
| Tip | Deheb proof |
| Denominazzjoni | Lm25 |
| Dijametru | 21mm |
| Piż Gross | 6.5g |
| Finezza | 0.92 |
| Disinjatur | Noel Galea Bason |
| Zekka | Royal Dutch Mint |
| Stampar | 2,500 |

Fl-2007, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ l-aħħar munita numiżmatika tal-fidda u oħra tad-deheb denominati fil-lira Maltija bħala parti mill-Europa Programme 2007 bit-tema 'European Realisation', li jfakkru lill-Gran Mastru Jean de La Valette.

Fuq quddiem tal-muniti jidhru l-arma ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 2007. Fuq wara tal-muniti jidhru l-Gran Mastru La Valette flimkien mas-sena tat-twelid u s-sena tal-mewt tiegħu (1494-1568). L-Europa Star, li hi l-logo uffiċjali ta' dan il-programm, tidher ukoll fuq wara tal-muniti.

# Europa Programme 2008 bit-tema 'Wirt Kulturali' - Auberge de Castille




2008

| | |
|---|---|
| Tip | Deheb proof |
| Denominazzjoni | €50 |
| Dijametru | 21mm |
| Piż Gross | 6.5g |
| Finezza | 0.916 |
| Disinjatur | Royal Dutch Mint |
| Zekka | Royal Dutch Mint |
| Stampar | 3,000 |

Fl-2008, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita numiżmatika tal-fidda u oħra tad-deheb bħala parti mill-Europa Programme 2008 bit-tema 'Wirt Kulturali'. Fuq quddiem tal-muniti jidhru l-arma ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 2008, filwaqt li fuq wara tidher il-loġġa tal-Auberge de Castille.

Meta l-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm ittrasferiet il-kwartieri ġenerali tagħha mill-Birgu għall-belt il-ġdida msejħa Valletta wara l-Assedju l-Kbir tal-1565, kienet ħaġa naturali li wara t-tlestija tas-swar tal-belt, l-Ordni tieħu ħsieb tibni l-bereġ, jew alloġġi, għall-kavallieri li kull wieħed minnhom kien jappartjeni għal waħda mit-tmien *Langues*. Wieħed minn dawn l-alloġġi kien il-Berġa ta' Kastilja, Leon u l-Portugall.

Id-disinn tal-bini oriġinali, li jmur lura għall-1574, kien fdat f'idejn Girolamo Cassar, l-arkitett famuż Malti li dak iż-żmien kien fis-servizz tal-Ordni. Is-sit magħżul kien partikolarment prominenti, fuq l-ogħla parti tan-naħa tal-art tal-Belt Valletta, b'veduta ta' parti estensiva tal-gżira.

Iżjed tard, il-Gran Mastru Portugiż Emanuel Pinto de Fonseca, li kien affaxxinat mill-grandjożità, u fil-fatt kien inkluda kuruna magħluqa fl-istemma araldika tiegħu, qies li l-bini oriġinali ma kienx jixraq lill-importanza tal-*Langue* tiegħu. Għalhekk iddeċieda li dan il-bini kellu jitkabbar u jissebbaħ. Skont riċerka reċenti, il-proġett ġie fdat f'idejn l-arkitett Andrea Belli u tlesta fl-1744.

Ir-riżultat tad-deċiżjoni ta' Pinto jista' jiġi ammirat fil-faċċata simmetrika preżenti, eżempju eċċellenti ta' arkitettura barokka u, bla dubju, l-aktar stupenda fost il-bereġ. Partikolarment impressjonanti hu l-bieb imponenti tagħha, b'erba' kolonni fuq il-ġnub u b'ġabra dekorattiva, rikka u varjata, ta' elementi militari u bnadar; fuq dan kollu hemm il-bust tal-Gran Mastru Pinto. Bħalissa l-Berġa ta' Kastilja, kif hi popolarment magħrufa, tospita l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

## Europa Programme 2009 bit-tema 'Wirt Kulturali' - Castellania




2009

| | |
|---|---|
| Tip | Deheb proof |
| Denominazzjoni | €50 |
| Dijametru | 21mm |
| Piż Gross | 6.5g |
| Finezza | 0.916 |
| Disinjatur | Royal Dutch Mint |
| Zekka | Royal Dutch Mint |
| Stampar | 3,000 |

Fl-2009, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita tal-fidda u oħra tad-deheb bħala parti mill-Europa Programme 2009 bit-tema 'Wirt Kulturali'. Fuq quddiem tal-muniti jidhru l-arma ta' Malta u s-sena tal-ħruġ 2009. Fuq wara tidher il-Castellania, li arkitettonikament hi waħda mill-aktar binjiet impressjonanti fi Triq il-Merkanti ġewwa l-Belt Valletta. Dan il-bini kien iservi bħala l-Qrati fi żmien il-Gran Mastri Portugiżi. Sa mill-1895 dan il-bini serva bħala l-uffiċċju ewlieni tal-awtoritajiet mediċi u tas-saħħa pubblika u llum hemm is-Segretarjat Parlamentari għas-Saħħa fil-Ministeru tal-Politika Soċjali. L-Europa Star, li hi l-logo uffiċjali tal-programm, tidher ukoll fuq wara tal-muniti.